Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 109/80**

tat-18 ta' Jannar 1980

dwar l-applikazzjoni ta' l-inqas rata ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni għal ċertu prodotti fis-setturi tal-bajd u laħam tat-tjur

(ĠU L 14 , 19.1.1980, p. 30)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1475/80 tat-12 ta' Ġunju 1980	L 147	15	13.6.1980
►**M2**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3987/87 tat-22 ta' Diċembru 1987	L 376	20	31.12.1987
►**M3**	Regolament Tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1737/90 tas-26 ta' Ġunju 1990	L 161	25	27.6.1990
►**M4**	Commission regulation (EEC) No 3779/90 of 19 December 1990 (*)	L 364	9	28.12.1990
►**M5**	Ir-Regolament tal-Kummissijoni (KE) Nru 2916/95 tat-18 ta' Diċembru 1995	L 305	49	19.12.1995

(*) Dan l-att qatt ma ġie ppubblikat bil-Malti.

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 109/80

tat-18 ta' Jannar 1980

dwar l-applikazzjoni ta' l-inqas rata ta' rifużjoni fuq l-esportazzjoni għal ċertu prodotti fis-setturi tal-bajd u laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-bajd ([1]), kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 368/76 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 (3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2777/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-laħam tat-tjur ([3]), kif emendat mir-Regolament (KEE) Nru 369/76 ([4]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 (3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2774/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 li jippreskrivi regoli ġenerali għall-għotja ta' rifużjonijiet fuq esportazzjonijiet tal-bajd u l-kriterji sabiex ikun iffissat l-ammont ta' dawn ir-rifużjonijiet ([5]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 (2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2779/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 li jippreskrivi regoli ġenerali għall-għotja ta' rifużjonijiet fuq esportazzjonijiet tal-laħam tat-tjur u kriterji sabiex ikun iffissat l-ammont ta' dawn ir-rifużjonijiet ([6]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7 (2) tiegħu,

Billi, f'każijiet fejn ir-rifużjoni fuq l-esportazzjoni tvarja skond id-destinazzjoni, l-Artikolu 11 (2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 192/75 ([7]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2838/77 ([8]), jippreskrivi illi l-parti tar-rifużjoni, ikkalkolata fuq il-bażi ta' l-inqas rata ta' rifużjoni, applikabbli fil-ġurnata meta l-formalitajiet tad-dwana fuq l-esportazzjoni jkunu mitmuma, għandha titħallas meta tkun ingħatat prova illi l-prodott telaq mit-territorju ġeografiku tal-Komunità;

Billi l-aħħar subparagrafu ta' l-Artikoli 2 (4) u 3 (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 441/69 ([9]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 2707/78 ([10]), jippermetti li l-parti tar-rifużjoni kkalkolata fuq il-bażi ta' l-inqas rata għandha tiġi mħallsa malli l-prodott ikun tqiegħed taħt il-proċedura speċjali preskritta fl-imsemmi Regolament;

Billi, skond l-arranġamenti speċjali magħmula ma' ċerti pajjiżi li mhumiex membri, ir-rata ta' rifużjoni applikabbli fuq esportazzjonijiet lejn l-imsemmijin pajjiżi ta' ċerti prodotti fis-setturi tal-bajd u l-laħam tat-tjur jistgħu jkunu inqas, u kultant sostanzjalment inqas, mir-rifużjoni applikata normalment; billi xi drabi jiġri wkoll illi ma tkun iffissata ebda rifużjoni;

Billi l-inqas rata ta' rifużjoni tirriżulta wkoll mill-fatt illi rifużjoni ma tkunx giet iffissata;

Billi hemm każijiet fejn rifużjoni mhijiex iffissata għal esportazzjonijiet lejn l-Istati Uniti; billi għandu jkun hemm ukoll eċċezzjoni biex tkun stabbilita l-inqas rata ta' rifużjoni f'każijiet fejn il-miżuri introdotti fl-Istati Uniti jiggarantixxu illi l-prodotti li kkwalifikaw għal rifużjoni għal destinazzjonijiet oħrajn ma jistgħux ikunu importati f'dak il-pajjiż; billi l-esperjenza turi illi l-prodotti in kwistjoni jistgħu jikkwalifikaw għal din

([1]) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 49.
([2]) ĠU L 45, tal-21.2.1976, p. 2.
([3]) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 77.
([4]) ĠU L 45, tal-21.2.1976, p. 3.
([5]) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 68.
([6]) ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 90.
([7]) ĠU L 25, tal-31.1.1975, p. 1.
([8]) ĠU L 327, ta' l-20.12.1977, p. 23.
([9]) ĠU L 59, ta' l-10.3.1969, p. 1.
([10]) ĠU L 327, tat-22.11.1978, p. 5.

▼B

l-eċċezzjoni mhux biss fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 11 (2) tar-Regolament (KEE) Nru 192/75 iżda wkoll fir-rigward ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikoli 2 (4) u 3 (1) tar-Regolament (KEE) Nru 441/69;

Billi l-miżuri li jiddisponi għalihom dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Laħam tat-Tjur u l-Bajd,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

▼M3

Artikolu 1

Il-fatt li ebda rifużjoni m'hi fissata għal prodotti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0105 11, ►M5 0105 12, ◄0105 19, 0207 (eskluż ►M5 0207 34 ◄, ►M5 0207 13 91, 0207 14 91, 0207 26 91, 0207 27 91, 0207 35 91, 0207 36 81, 0207 36 85 u 0207 36 89 ◄), 0407, 0408►M5 , 1602 32 ◄ u 1602 39 11 u li huma esportati lejn l-Istati Uniti tal-Amerika►M4 ———— ◄ m'għandux jitqies:

— biex tkun stabbilita r-rata l-iktar baxxa ta' rifużjoni għall-għanijiet ta' Artikolu 20(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3665/87 ([1]),

— biex jiġu applikati Artikoli 4(7) u 5 (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 565/80 ([2]).

▼B

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jibda'jseħħ fil-21 ta' Jannar 1980.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

([1]) ĠU L 351, ta' l-14.12.1987, p. 1.
([2]) ĠU No L 62, tas-7.3.1980, p. 5.